PARLAMENT EWROPEW 2009 - 2014

*Kumitat għall-Petizzjonijiet*

24.6.2010

# AVVIŻ LILL-MEMBRI

Suġġett: **Petizzjoni 1688/2009, imressqa minn Luigi Caligiuri, ta' nazzjonalità Taljana, f'isem "Coordinamento Sindacale Autonomo Regioni e Autonomie Locali" (CSA/RAL), flimkien ma' 5 firem, dwar l-arranġamenti għal-lif fi ħdan l-Aġenzija Interreġjonali għax-Xmara Po**

## 1. Sommarju tal-petizzjoni

Il-petizzjonant isostni li l-arranġamenti l-ġodda għal-lif introdotti mill-Aġenzija Interreġjonali għax-Xmara Po qed jiksru d-dispożizzjoni tal-UE dwar il-kundizzjonijiet tax-xogħol u b'mod partikolari huma ta' żvantaġġ għall-ħaddiema b'diżabilità u għal dawk il-ħaddiema li jieħdu ħsieb il-persuni b'diżabilità. Huwa jargumenta wkoll li l-arranġamenti jagħmlu l-ħajja diffiċli għall-familji u jdgħajfu l-politika soċjali, is-solidarjetà soċjali, il-protezzjoni tal-minoranzi u tal-anzjani u l-garanziji dwar opportunitajiet indaqs għall-irġiel u n-nisa. Għal din ir-raġuni, huwa jitlob investigazzjoni mill-Parlament Ewropew.

## 2. Ammissibilità

Iddikjarata ammissibbli fil-25 ta' Frar 2010. Il-Kummissjoni ġiet mistiedna biex tagħti informazzjoni (Artikolu 202(6) tar-Regoli ta' Proċedura).

## 3. Risposta tal-Kummissjoni, li waslet fl-24 ta' Ġunju 2010.

*Il-petizzjoni*
Il-petizzjonant jilmenta li korp pubbliku Taljan (l-Aġenzija Interreġjonali għax-Xmara Po) impona kundizzjonijiet ġodda fuq il-ħaddiema tiegħu minħabba li użaw l-intitolamenti tal-lif bil-ħlas stipolati skont ftehima kollettiva nazzjonali tal-1995.
Il-petizzjoni tirrigwarda b'mod partikolari l-kriterji ta' awtorizzazzjoni għall-użu ta' tlett ijiem lif annwali mħallas mogħtija għal raġunijiet personali partikolari u tal-familja (l-Artikolu 19.2

tal-ftehima kollettiva nazzjonali tal-EE.LL. tas-6 ta' Lulju 1995). Il-petizzjonant isostni li l-arranġamenti l-ġodda huma partikolarment żvantaġġużi għal persuni b'diżabilità u jqajmu dubji dwar il-kompatibilità partikolarment mad-drittijiet tal-bniedem/fundamentali.

*L-osservazzjonijiet tal-Kummissjoni*

Fil-livell Ewropew, id-Direttiva 2003/88/KE tistabbilixxi l-ħtiġiet minimi u tas-saħħa għall-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol. Id-Direttiva tirregola, fost l-oħrajn, ċerti aspetti li jirrigwardaw il-lif annwali. Skont l-Artikolu 7 tad-Direttiva, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa ħalli jassiguraw li kull ħaddiem ikun intitolat għal-*leave* [lif] annwali bil-ħlas ta' mill-anqas erba' ġimgħat b'konformità mal-kondizzjonijiet għall-intitolament għal, u l-għoti ta', *leave* bħal dan stabbilit bil-leġiżlazzjoni nazzjonali u/jew bil-prattika. Id-Direttiva tkompli tgħid li l-perjodu minimu ta' *leave* annwali bil-ħlas ma jistax ikun mibdul b'pagament ta' benefiċċji bħala kumpens, apparti minn meta r-relazzjoni tal-impieg tkun ġiet itterminata.

Is-sentenza importanti tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-BECTU, fl-2001, iċċarat is-sinifikanza u l-objettivi tad-dritt għal-lif annwali bil-ħlas. Il-Qorti ddikjarat li "id-dritt għal-*leave* annwali bil-ħlas ta' kull ħaddiem għandu jiġi kkunsidrat bħala prinċipju tad-dritt soċjali Komunitarju, ta' importanza partikolari, li ma jistax isir deroga minnu u li implementazzjoni tiegħu mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandha ssir biss fil-limiti espressament stipulati fid-Direttiva tal-Kunsill 94/104/KE".[1]

Id-Direttiva dwar l-Ugwaljanza fit-Trattament fuq l-Impjieg u fix-Xogħol (Direttiva 2000/78/KE[2]) tistabbilixxi parametru ġenerali biex tikkumbatti diskriminazzjoni fuq bażi ta' reliġjon jew twemmin, diżabilità, età jew orjentazzjoni sesswali f'dak li għandu x'jaqsam mal-impjieg u x-xogħol. Hija tipprojibixxi d-diskriminazzjoni, *inter alia*, fuq bażi ta' diżabilità. Il-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja, fil-kawża Coleman[3], qalet li l-protezzjoni kontra diskriminazzjoni jew fastidju dirett li tinsab fid-Direttiva 2000/78/KE mhijiex limitata għal persuni li huma stess għandhom diżabilità, iżda tapplika wkoll għal min iħaddem li jiddiskrimina b'mod dirett fir-rigward ta' ħaddiem jew jagħtih fastidju, fejn dik id-diskriminazzjoni jew fastidju jkun fuq bażi ta' diżabilità tat-tifel/tifla tal-ħaddiem, li l-kura tiegħu/tagħha hija primarjament provduta mill-ħaddiem.

L-Italja ttrasponiet din id-Direttiva permezz tal-adozzjoni tad-"Decreto Legislativo 9 luglio 2003, n.216 - Attuazione della direttiva 2000/78/CE per la parità di trattamento in materia di occupazione e di condizioni di lavoro", li aktar tard ġie emendat mil-"Legge 6 giugno 2008, n. 101 - Conversione in legge, con modificazioni, del decreto-legge 8 aprile 2008, n. 59, recante disposizioni urgenti per l'attuazione di obblighi comunitari e l'esecuzione di sentenze della Corte di giustizia delle Comunità europee".

L-Italja ttrasponiet id-dritt għal-lif annwali bil-ħlas skont id-Direttiva dwar il-Ħin tax-Xogħol permezz tad-Digriet Leġiżlattiv 66/2003, li fl-Artikolu 10 jistipola li kull ħaddiem għandu d-dritt li jkollu lif annwali bil-ħlas ta' mhux anqas minn erba' ġimgħat. Il-bidliet li għandhom

[1] *BECTU* (Każ C-173/99), paragrafu 43.
[2] ĠU L 303, 2.12.2000, p. 16–22.
[3] http://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=OJ:C:2008:223:0006:0007:MT:PDF

x'jaqsmu mal-petizzjoni ma jaffettwawx din id-dispożizzjoni.

Tipi speċjali ta' lif, bħal dawk stipolati fl-Artikolu 19.2 tal-ftehima nazzjonali kollettiva tas-6 ta' Lulju 1995 li jingħataw għal raġunijiet personali partikolari u tal-familja, għalhekk jiżdiedu mad-drittijiet mitluba mill-Artikolu 10, u ma jistgħux jitqiesu li jaqgħu fil-qasam ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2003/88/KE. Għalhekk, sakemm l-Istati Membri jipprovdu d-dritt ta' mill-inqas erba' ġimgħat ta' lif annwali bil-ħlas (kif stipolat mid-Direttiva) huma jinsabu ħielsa li jistabbilixxu kriterji għall-użu ta' tipi addizzjonali ta' lif bil-ħlas, partikolarment filwaqt li jieħdu inkunsiderazzjoni li l-iskop ta' dawn it-tipi ta' lif huwa differenti mill-iskop ta' lif annwali bil-ħlas, kif jinsab stipolat fid-Direttiva.

Barra minn hekk, il-petizzjonant isostni li r-regolamenti kkontestati ma jikkonformawx ma' miżuri nazzjonali oħra tal-Italja, inkluża ċ-Ċirkolari tas-Servizz Ċivili Nru 8/2008. Ma jidhirx li dan iqajjem xi kwistjoni fir-rigward tal-liġi tal-UE.

Fir-rigward tal-applikazzjoni tad-Direttiva dwar l-Ugwaljanza fit-Trattament fuq l-Impjieg u fix-Xogħol (id-Direttiva 2000/78/KE), għandu jiġi nnutat li, bħalma jsostni l-petizzjonant, ir-regoli l-ġodda stipolati mill-Aġenzija Interreġjonali għax-Xmara Po jirriżultaw f'interpretazzjoni kemxejn restrittiva tar-regoli Taljani li huma applikabbli. Skont il-kundizzjonijiet il-ġodda, il-lif speċjali bil-ħlas għal raġunijiet ta' mard serju ta' qarib jista' jingħata biss f'każijiet ta' ammissjoni fi sptar jew f'servizz pubbliku ta' emerġenza.

Fil-fehma tal-Kummissjoni, jidher li dawn ir-regoli ma jiddiskriminawx fir-rigward ta' ħaddiema b'diżabilità, u lanqas fir-rigward ta' ħaddiema li għandhom tfal b'diżablità. Fil-fatt, fil-każ aħħari dawn jaffettwaw kemm lill-ħaddiema li għandhom tfal b'diżabilità kif ukoll lill-ħaddiema li t-tfal tagħhom m'għandhomx diżabilità. Eventwalment, f'ċerti sitwazzjonijiet, it-tipi ta' ħaddiema li ssemmew l-ewwel jistgħu jkunu anqas żvataġġati permezz tar-regoli l-ġodda – billi t-tfal tagħhom, skont il-każ konkret, jista' jkollhom bżonn imorru l-isptar aktar ta' spiss .

Għalhekk, bħala konklużjoni, fuq il-bażi tal-informazzjoni disponibbli, il-Kummissjoni hija tal-fehma li l-miżura nazzjonali kkontestata ma tmurx kontra r-rekwiżiti tad-Direttiva dwar l-Ugwaljanza fit-Trattament fuq l-Impjieg u fix-Xogħol.

Fi kwalunkwe każ, minħabba li l-prinċipju ta' projbizzjoni tad-diskriminazzjoni fuq bażi ta' diżabilità li huwa stipolat fid-Direttiva 2000/78/KE ġie traspost fl-Italja, jekk ċittadin iħoss li huwa vittma ta' diskriminazzjoni, jista' jressaq każ quddiem il-qorti nazzjonali fuq il-bażi tal-leġiżlazzjoni relevanti kemm nazzjonali kif ukoll Ewropea. Il-kontroll tal-applikazzjoni tad-direttivi għall-każ individwali huwa bi prinċipju l-kompitu tal-ġuriżdizzjonijiet nazzjonali.

Finalment, fir-rigward tar-referenza li l-petizzjonant għamel għall-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, għandu jiġi indikat li, skont l-Artikolu 6 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, id-dispożizzjonijiet tal-Karta "m'għandhom bl-ebda mod jestendu l-kompetenzi tal-Unjoni kif definiti mit-Trattati". Flimkien ma' dan, skont l-Artikolu 51 tal-Karta, id-dispożizzjonijiet tagħha huma intiżi għall-awtoritajiet tal-Istati Membri biss meta jimplimentaw il-liġi tal-Unjoni Ewropea. Għalhekk, il-konklużjoni li ssemmiet hawn għadha tgħodd.

*Konklużjonijiet*

Mill-informazzjoni disponibbli ma jidhirx li l-miżura nazzjonali kkontestata tmur kontra r-rekwiżiti tad-Direttiva dwar il-Ħin tax-Xogħol jew tad-Direttiva dwar l-Ugwaljanza fit-Trattament fuq l-Impjieg u fix-Xogħol. Fil-fehma tal-Kummissjoni, din il-petizzjoni tirrigwarda kwistjonijiet li ma jaqgħux fil-qasam ta' applikazzjoni tal-liġi tal-UE u/jew mhumiex fil-kompetenza tal-awtoritajiet nazzjonali.